

Brussell, 6 ta' Novembru 2023
(OR. en)

13719/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0319 (NLE)

UK 193
RECH 431
ESPACE 67
BUDGET 30

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Speċjalizzat dwar il-Parteċipazzjoni fil-Programmi tal-Unjoni stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tal-Protokoll I u II u l-emenda tal-Anness 47 tiegħu

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/...

ta' ...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fil-Kumitat Speċjalizzat dwar il-Parteċipazzjoni fil-Programmi tal-Unjoni
stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni
bejn l-Unjoni Ewropea
u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda,
u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra,
fir-rigward tal-adozzjoni tal-Protokoll I u II
u l-emenda tal-Anness 47 tiegħu**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 173(3), l-Artikolu 182(1) u (4), l-Artikolu 183, l-Artikolu 188, it-tieni paragrafu, u l-Artikolu 189(2), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra¹ (il-“Ftehim”) ġie konkluż permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/689² u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2021.
- (2) Skont l-Artikolu 710(2) u l-Artikolu 731(3) tal-Ftehim, il-Kumitat Speċjalizzat dwar il-Parteċipazzjoni fil-Programmi tal-Unjoni stabbilit bl-Artikolu 8(1), il-punt (s), tal-Ftehim (il-“Kumitat Speċjalizzat”) għandu jadotta l-Protokoll I dwar Programmi u attivitajiet li fihom jipparteċipa r-Renju Unit u l-Protokoll II dwar l-aċċess tar-Renju Unit għas-servizzi stabbiliti skont ċerti programmi u attivitajiet tal-Unjoni li fihom ir-Renju Unit ma jipparteċipax (il-“Protokoll I u II”).
- (3) Skont l-Artikolu 714(11) tal-Ftehim, il-Kumitat Speċjalizzat jista' jemenda l-Anness 47 “Implimentazzjoni tal-Kundizzjonijiet Finanzjarji” (“Anness 47”).

¹ ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/689 tad-29 ta' April 2021 dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni, tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, u tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju u għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata (ĠU L 149, 30.4.2021, p. 2).

- (4) Il-Protokoll I u II u l--Anness 47 jiffurmaw parti integrali mill-Ftehim.
- (5) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed f' isem l-Unjoni fil-Kumitat Speċjalizzat, fir-rigward tal-adozzjoni tal-Protokoll I u II u l-emenda tal-Anness 47,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f' isem l-Unjoni fil-Kumitat Speċjalizzat, stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, huwaq stabbilit fl-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Speċjalizzat meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
